**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0261/2020**

14.12.2020

# RAPPORT

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda
(2018/2070(ACI))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Esteban González Pons

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW....................................3

ANNESS: FTEHIM INTERISTITUZZJONALI BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMUSSJONI EWROPEA DWAR DIXXIPLINA BAĠITARJA DWAR KOOPERAZZJONI F'MATERJI BAĠITARJI U DWAR ĠESTJONI FINANZJARJA TAJBA, KIF UKOLL DWAR RIŻORSI PROPRJI ĠODDA, INKLUŻ PJAN DIREZZJONALI LEJN L-INTRODUZZJONI TA' RIŻORSI PROPRJI ĠODDA ....................................................................................................8

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................28

ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.........................................................30

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................33

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........34

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda**
**(2018/2070(ACI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (COM(2018)0323) u l-proposta emendata (COM(2016)0444),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 295, 310, 311, 312, 323 u 324 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi adottat fil-wieħed u għoxrin sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP21) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li saret f'Pariġi, f'Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb li jkun hemm qbil[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru[4],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fil-21 ta' Lulju 2020,

[1] Testi adottati, P8_TA(2018)0449.
[2] Testi adottati, P9_TA(2019)0032.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0054.
[4] Testi adottati, P9_TA(2020)0124.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 148(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0261/2020),

A. billi huwa xieraq li jiġi adottat, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), ftehim interistituzzjonali li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tiegħu;

B. billi fl-10 ta' Novembru 2020 ntlaħaq ftehim politiku globali bejn ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-QFP għall-2021-2027, dwar ir-Riżorsi Proprji u dwar l-Istrument Ewropew għall-Irkupru (Next Generation EU(NGEU));

C. billi tali ftehim politiku jinkludi Ftehim Interistituzzjonali mġedded dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (il-"FII")

D. billi, barra minn hekk, fil-5 ta' Novembru 2020 inlaħaq qbil politiku dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;

E. billi dan il-ftehim ġdid se jissostitwixxi l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[7];

F. billi l-implimentazzjoni tad-dixxiplina baġitarja u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba tirrikjedi li l-Kunsill jikkondividi l-informazzjoni meħtieġa mal-Parlament fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza li tikkonċerna lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, sabiex jiġi żgurat li l-Parlament ikollu l-informazzjoni meħtieġa dwar kif il-Kunsill qed jimplimenta l-baġit tiegħu, jew direttament jew permezz tal-Kummissjoni;

G. billi l-ftehim il-ġdid fih elementi ġodda importanti, b'mod partikolari pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda matul is-seba' snin li ġejjin, dispożizzjonijiet dwar skrutinju baġitarju msaħħaħ tal-infiq tal-finanzjament tan-NGEU u arranġamenti

[5] Testi adottati, P9_TA(2020)0206.
[6] Testi adottati, P9_TA(2020)0220.
[7] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

għall-monitoraġġ tal-infiq fuq objettivi tal-klima u l-bijodiversità u fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

H. billi l-FII jinkludi għall-ewwel darba dispożizzjonijiet dwar ir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri Anness ġdid li jistabbilixxi pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027 li se jkunu biżżejjed biex ikopru l-interessi u l-ispejjeż tal-ħlas lura tal-Istrument Ewropew għall-Irkupru (NGEU); billi l-pjan direzzjonali jżid il-kredibbiltà u s-sostenibbiltà tal-emenda għad-deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u jiżgura li l-limiti massimi tar-riżorsi proprji jkunu kbar biżżejjed biex ikopru r-responsabbiltà tal-Unjoni, f'konformità mal-prinċipju tad-dixxiplina baġitarja fis-sens tal-Artikolu 310(4) tat-TFUE; billi d-dħul mir-riżorsi proprji li jiżboq il-ħtiġijiet għall-ħlas lura se jkompli jiffinanzja l-baġit tal-Unjoni bħala dħul ġenerali f'konformità mal-prinċipju tal-universalità; billi l-pjan direzzjonali ma jipprekludix proposti ulterjuri għal riżorsi proprji ġodda matul il-perjodu finanzjarju 2021-2027;

I. billi l-FII fih parti ġdida dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-Istrument Ewropew għall-Irkupru (NGEU) li għandha l-għan li tiżgura involviment xieraq tal-awtorità baġitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern taħt l-NGEU; billi dik il-parti tirreferi għal Dikjarazzjoni Konġunta ġdida dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti ġodda bbażati fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE b'implikazzjonijiet li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni;

J. billi l-ftehim jipprevedi l-monitoraġġ tal-infiq tal-programmi kollha tal-Unjoni li jinvolvu objettivi tal-klima u l-bijodiversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; billi l-FII fih titjib sinifikanti fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji għas-segwitu tal-mira ta' nfiq għall-klima ta' 30% tal-baġit ġenerali tal-Unjoni u n-nefqiet mill-Istrument Ewropew għall-Irkupru, għall-iżvilupp ta' mira ta' nfiq annwali ġdida għall-bijodiversità, mill-QFP, ta' 7,5 % mill-2024 u 10 % fl-2026 u l-2027, u għall-kejl tan-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

K. billi l-FII fih parti ġdida dwar il-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar il-benefiċjarji bil-għan li jiġu introdotti miżuri standardizzati għall-ġbir, it-tqabbil u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni u ċifri dwar il-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni;

L. billi l-FII huwa mifhum li hu orizzontali fl-applikazzjoni u ma jipprekludix lill-koleġiżlaturi milli jaqblu, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' regolament speċifiku, fuq miżuri addizzjonali biex itejbu l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data, b'mod partikolari fir-rigward ta' programmi ta' ġestjoni diretta, jew biex itejbu aktar l-involviment tal-awtorità baġitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern;

M. billi l-FII jinkludi għall-ewwel darba dispożizzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni u d-djalogu min-naħa tal-istituzzjonijiet waqt in-negozjati dwar il-QFP, bl-għan li jiġu operazzjonalizzati r-rekwiżiti tat-Trattat, li skonthom, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' QFP u biex jiġu promossi l-konsultazzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tagħhom f'materji

bağitarji;

N. billi l-FII jissalvagwardja d-dispożizzjonijiet eżistenti u jinkludi arranġamenti ġodda dwar il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali, jiġifieri l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, l-Istrument ta' Marġini Uniku u l-Istrument ta' Flessibbiltà;

O. billi l-FII jipprevedi aktar aġġustamenti mmirati għat-trasparenza tal-ipprogrammar u l-previżjonijiet;

P. billi l-Istrument Ewropew għall-Irkupru jinkludi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġdida; billi huwa xieraq, fil-kuntest tal-ftehim politiku li ntlaħaq dwar l-Istrument Ewropew għall-Irkupru u l-involviment tal-awtorità bağitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern fl-ambitu ta' dan l-istrument, li tiġi mfakkra l-ħtieġa għal qafas legali oġġettiv, ġust u trasparenti għall-għażla tal-proġetti li ser jiġu ffinanzjati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jgħinu biex jinkiseb irkupru li jkun simetriku, mhux biss bejn l-Istati Membri iżda wkoll bejn ir-reġjuni.

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim anness hawnhekk;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-ftehim flimkien mal-President tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi, għal skopijiet ta' informazzjoni, din id-deċiżjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**ANNESS: FTEHIM INTERISTITUZZJONALI BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMUSSJONI EWROPEA DWAR DIXXIPLINA BAĠITARJA DWAR KOOPERAZZJONI F'MATERJI BAĠITARJI U DWAR ĠESTJONI FINANZJARJA TAJBA, KIF UKOLL DWAR RIŻORSI PROPRJI ĠODDA, INKLUŻ PJAN DIREZZJONALI LEJN L-INTRODUZZJONI TA' RIŻORSI PROPRJI ĠODDA**

IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istituzzjonijiet",

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 295 tiegħu,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li tiġi implimentata dixxiplina baġitarja, li jittejjeb il-funzjonament tal-proċedura baġitarja annwali u l-kooperazzjoni bejn l-Istituzzjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji kif ukoll li jiżgura ġestjoni finanzjarja tajba, u li jimplimenta kooperazzjoni u jistabbilixxi pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni, matul il-perijodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 ('QFP 2021-2027'), ta' riżorsi proprji ġodda li jkunu biżżejjed biex ikopru l-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/…[1+]("ir-Regolament EURI").

2. Id-dixxiplina baġitarja kif imsemmija f'dan il-Ftehim tkopri n-nefqa kollha. Dan il-Ftehim huwa vinkolanti fuq l-Istituzzjonijiet sakemm jibqa' fis-seħħ. L-Annessi għal dan il-Ftehim jifformaw parti integrali minnu.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/…ta'…li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L…p….).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru u fin-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanjah in-numru u d-data tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 9971/20 (2020/0111(NLE)) u daħħal ir-referenza tal-ĠU.

3. Dan il-Ftehim ma jibdilx is-setgħat baġitarji u leġiżlattivi rispettivi tal-Istituzzjonijiet kif stipulati fit-Trattati, fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/…[1+] ("ir-Regolament dwar il-QFP"), fir-Regolament (UE, Euratom) **2018/1046** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] ("ir-Regolament Finanzjarju") u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/...[3++] ("id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji"), u huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-parlamenti nazzjonali fir-rigward tar-riżorsi proprji.

4. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim tirrikjedi l-qbil komuni tal-Istituzzjonijiet.

5. Dan il-Ftehim jinqasam f'erba' partijiet:

– il-Parti I fiha dispożizzjonijiet relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u mal-istrumenti speċjali tematiċi u mhux tematiċi;

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/…ta'…li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021sa 2027 (ĠU L , p. ).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru u fin-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanjah in-numru u d-data tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 9970/20 ( (2018/0166(APP)) u imla r-referenza tal-ĠU.

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/... ta' ... dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L ...).

[++] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru u fin-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanjah in-numru u d-data tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 10046/20 (2018/0135(CNS)) u imla r-referenza tal-ĠU.

– il-Parti II tirrigwarda l-kooperazzjoni interistituzzjonali f'materji baġitarji;

– il-Parti III fiha dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja tajba ta' fondi tal-Unjoni;

– il-Parti IV fiha dispożizzjonijiet relatati mal-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar il-benefiċjarji fil-kuntest tal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

6. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fi …[+] u jissostitwixxi l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja**,** dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[1].

---

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-aħħar firma ta' dan il-Ftehim.

[1] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

PARTI I

QFP U STRUMENTI SPEĊJALI

A. DISPOŻIZZJONIJIET RELATATI MAL-QFP

7. L-Istituzzjonijiet għandhom, għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jiżguraw, sa fejn ikun possibbli matul il-proċedura baġitarja u fiż-żmien tal-adozzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jkun fadal biżżejjed marġni disponibbli taħt il-livelli massimi għad-diversi intestaturi tal-QFP, ħlief għas-sottointestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".

Aġġornament tal-previżjonijiet għal approprjazzjonijiet ta' pagament

8. Kull sena, il-Kummissjoni għandha taġġorna il-previżjonijiet għal approprjazzjonijiet ta' pagament mill-inqas għall-perijodu sal-2027. Dak l-aġġornament għandu jqis l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż l-implimentazzjoni reali ta' approprjazzjonijiet baġitarji għal impenji u approprjazzjonijiet baġitarji għal pagamenti, kif ukoll il-previżjonijiet tal-implimentazzjoni. Għandu jqis ukoll ir-regoli mfassla biex jiżguraw li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jiżviluppaw b'mod ordnat meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet ta' impenn u mal-previżjoni tat-tkabbir tad-dħul nazzjonali gross tal-Unjoni (DNG).

## B. DISPOŻIZZJONIJIET RELATATI MAL-ISTRUMENTI SPEĊJALI TEMATIĊI U MHUX TEMATIĊI

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

9. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-immobilizzar tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni kif stabbilit fl-att bażiku rilevanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta biex timmobilizzah, u d-deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Fl-istess żmien li tressaq il-proposta tagħha għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment għal-linji baġitarji rilevanti.

It-trasferimenti relatati mal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom isiru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza

10. Fejn il-Kummissjoni tqis li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza, għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment minn dik ir-Riżerva għal-linji baġitarji korrispondenti f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Id-deċiżjoni biex jiġu mobilizzati ammonti skont il-punt (a) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament dwar il-QFP għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, f'konformità mal-att bażiku rilevanti.

Qabel ma tagħmel kwalunkwe proposta għal trasferiment mir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza għall-assistenza skont il-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament dwar il-QFP, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ambitu għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet.

Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

11. Fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit li jinsabu fl-istrument rilevanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment għal-linji baġitarji rilevanti.

It-trasferimenti relatati mar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għandhom isiru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Strument ta' Marġini Uniku

12. Il-Kummissjoni tista' tipproponi li timmobilizza l-ammonti li jkunu ekwivalenti għall-marġnijiet kollha, jew għal parti minnhom, imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-QFP, b'rabta ma' abbozz ta' baġit jew abbozz ta' baġit emendatorju. Il-mobilizzazzjoni ta' kwalunkwe ammont imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni wara analiżi bir-reqqa tal-possibiltajiet finazjarji l-oħra kollha.

Dawk l-ammonti jistgħu jiġu mobilizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE).

Strument ta' Flessibbiltà

13. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità wara li tkun eżaminat il-possibbiltajiet kollha għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-approprjazzjonijiet taħt l-intestatura li teħtieġ nefqa addizzjonali**.**

Dik il-proposta għandha tidentifika l-ħtiġijiet li għandhom jiġu koperti u l-ammont. Tali proposta tista' ssir b'rabta ma' abbozz ta' baġit jew ma' abbozz ta' baġit emendatorju.

L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.

PARTI II

## TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI F'MATERJI BAĠITARJI

### A. PROĊEDURA TA' KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI

14. Id-dettalji dwar il-kooperazzjoni interistituzzjonali matul il-proċedura baġitarja jinsabu fl-Anness I.

15. F'konformità mal-Artikolu 312(5) TFUE, l-Istituzzjonijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' QFP ġdid jew reviżjoni tiegħu, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali msemmija fl-Artikolu 312(2) TFUE. Tali miżuri ser jinkludu laqgħat regolari u skambju ta' informazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill u, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, laqgħat tal-Presidenti tal-Istituzzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 324 TFUE sabiex tiġi promossa il-konsultazzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istituzzjonijiet. Meta tiġi mressqa proposta għall-QFP ġdid jew għal reviżjoni sostanzjali, l-Istituzzjonijiet ser ifittxu li jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni u d-djalogu bejniethom tul il-proċedura kollha li twassal għall-adozzjoni tagħha.

Trasparenza baġitarja

16. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali biex jakkumpanja l-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jiġbor flimkien l-informazzjoni disponibbli li mhix kunfidenzjali relatata ma':

(a) l-attivi u l-passivi tal-Unjoni, inklużi dawk li jirriżultaw minn operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti mwettqa mill-Unjoni skont is-setgħat tagħha skont it-Trattati;

(b) d-dħul, l-infiq, l-attivi u l-passivi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp[1], tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u ta' mekkaniżmi oħrajn possibbli fil-futur;

(c) in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas tal-kooperazzjoni msaħħa, sakemm din ma tkunx inkluża fil-baġit ġenerali tal-Unjoni**;**

---

**1** Kif stabbilit fil-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1) u l-Ftehimiet Interni preċedenti.

(d) in-nefqa fuq il-klima, abbażi ta' metodoloġija effettiva stabbilita mill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali, għall-monitoraġġ tal-infiq fuq il-klima u l-prestazzjoni tagħha bil-ħsieb li tintlaħaq mira ġenerali ta' mill-anqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni u tal-infiq tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru b'sostenn tal-objettivi klimatiċi, filwaqt li jitqiesu l-effetti tal-eliminazzjoni gradwali tal-finanzjament skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u ssir id-distinzjoni bejn il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima, fejn ikun fattibbli.

Fejn ma jsirx biżżejjed progress lejn il-mira tal-infiq fuq il-klima f'wieħed jew aktar mill-programmi rilevanti, l-Istituzzjonijiet, f'konformità mar-responsabbiltajiet tagħhom u l-leġiżlazzjoni rilevanti, jikkonsultaw bejniethom dwar miżuri xierqa li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-infiq tal-Unjoni fuq l-objettivi klimatiċi matul il-perijodu kollu tal-QFP 2021-2027 ikun ekwivalenti għal mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru.

(e) nefqa li tikkontribwixxi għat-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-tnaqqis tal-bijodiversità, fuq il-bażi ta' metodoloġija effettiva, trasparenti u komprensiva stabbilita mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, u, fejn rilevanti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali, bil-ħsieb li ssir ħidma lejn l-ambizzjoni li fl-2024 jiġi allokat 7,5 % u fl-2026 u fl-2027 jiġi allokat 10% tal-infiq annwali tal-QFP għall-objettivi tal-bijodiversità, filwaqt li jitqiesu d-duplikazzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet dwar il-klima u dawk dwar il-bijodiversità;

(f) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd matul l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi rilevanti, u l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi kif ukoll l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, anki permezz tat-tisħiħ tal-valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet skont il-qafas dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet . Il-Kummissjoni ser teżamina kif tiżviluppa metodoloġija biex tkejjel in-nefqa rilevanti fil-livell ta' programm fil-QFP 2021-2027. Il-Kummissjoni ser tuża dik il-metodoloġija hekk kif issir disponibbli. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ser timplimenta dik il-metodoloġija għal ċerti programmi ġestiti b'mod ċentrali biex tittestja l-fattibbiltà tagħha. F'nofs it-terminu, ser jiġi esplorat jekk il-metodoloġija tistax tiġi estiża għal programmi oħra għall-bqija tal-QFP 2021-2027;

(g) l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fil-programmi rilevanti kollha tal-Unjoni tal-QFP 2021-2027

Il-metodoloġiji effettivi msemmija fil-punti (d) u (e) tal-ewwel paragrafu ser jinkludu, sa fejn ikun possibbli, referenza għall-kontribuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, li tinkludi l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara".

Il-metodoloġija effettiva msemmija fil-punt (d) tal-ewwel paragrafu ser tkun trasparenti, komprensiva, orjentata lejn ir-riżultati u bbażata fuq il-prestazzjoni, ser tinkludi konsultazzjoni annwali mill-Kummissjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u ser tidentifika l-miżuri rilevanti li għandhom jittieħdu f'każ li l-progress lejn il-kisba tal-miri applikabbli jkun insuffiċjenti.

Jenħtieġ li l-ebda waħda mill-metodoloġiji msemmija f'dan il-punt ma jwasslu għal piż amministrattiv eċċessiv fuq id-detenturi tal-proġetti jew fuq il-benefiċjarji.

17. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru. Dak ir-rapport annwali għandu jiġbor flimkien l-informazzjoni disponibbli u mhux kunfidenzjali relatata ma':

- l-attivi u l-passivi li jirriżultaw minn operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti mwettqa skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji;

- l-ammont aggregat ta' rikavati assenjati lill-programmi tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru fis-sena preċedenti, maqsum skont il-programm u l-linja baġitarja;

- il-kontribuzzjoni tal-fondi msellfa għall-kisbiet tal-objettivi tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u l-programmi speċifiċi tal-Unjoni.

## B. INKORPORAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI F'ATTI LEĠIŻLATTIVI

18. Kull att leġiżlattiv, li jikkonċerna programm pluriennali, adottat f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja għandu jkun fih dispożizzjoni li fiha l-leġiżlatur jistipula l-pakkett finanzjarju għall-programm.

Dak l-ammont għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

Għall-programmi msemmija fl-Anness II għar-Regolament dwar il-QFP, l-ammont ta' referenza primarja jiġi miżjud awtomatikament bl- allokazzjonijiet addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament dwar il-QFP.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u l-Kummissjoni meta tħejji l-abbozz ta' baġit, jimpenjaw ruħhom li tul il-programm ikkonċernat ma jitbegħdux b'aktar minn 15 % minn dak l-ammont, sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi ġodda, oġġettivi u fit-tul li għalihom jingħataw raġunijiet espliċiti u preċiżi, filwaqt li jitqiesu r-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-programm, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet. Kwalunkwe żieda li tirriżulta minn tali varjazzjoni għandha tibqa' taħt il-limitu massimu eżistenti għall-intestatura kkonċernata, mingħajr preġudizzju għall-użu tal-istrumenti msemmija fir-Regolament dwar il-QFP u f'dan il-Ftehim.

Ir-raba' paragrafu ma japplikax għall-allokazzjonijiet addizzjonali msemmija fit-tielet paragrafu.

Dan il-punt ma japplikax għall-approprjazzjonijiet għall-koeżjoni adottati f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u allokati minn qabel għal kull Stat Membru, li fihom pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-programm u lanqas għall-proġetti fuq skala kbira msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament dwar il-QFP.

19. Atti tal-Unjoni legalment vinkolanti li jikkonċernaw programmi pluriennali li mhumiex adottati f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ma għandux ikun fihom "ammont meqjus neċessarju".

F'każ li l-Kunsill ikun jixtieq jinkludi ammont ta' referenza finanzjarja, dak l-ammont għandu jitqies bħala turija tar-rieda tal-leġiżlatur u ma għandux jaffettwa s-setgħat baġitarji tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif stabbiliti fit-TFUE. Fl-atti kollha legalment vinkolanti tal-Unjoni li fihom ammont ta' referenza finanzjarja bħal dak, għandu jkun hemm dispożizzjoni f'dak ir-rigward.

## C. NEFQA RELATATA MA' FTEHIMIET DWAR IS-SAJD

20. In-nefqa fuq ftehimiet dwar is-sajd għandha tkun soġġetta għar-regoli speċifiċi li ġejjin.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew informat b'mod regolari dwar it-tħejjija u t-tmexxija tan-negozjati dwar ftehimiet dwar is-sajd, inkluż l-implikazzjonijiet baġitarji ta' dawk il-ftehimiet.

Matul il-proċedura leġiżlattiva relatata ma' ftehimiet dwar is-sajd, l-Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċeduri kollha jitwettqu kemm jista' jkun malajr.

L-ammonti previsti fil-baġit għal ftehimiet ġodda dwar is-sajd jew għat-tiġdid ta' ftehimiet dwar is-sajd li jidħlu fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar tas-sena finanzjarja kkonċernata għandhom jitpoġġew fir-riżerva.

Jekk jirriżulta li l-approprjazzjonijiet relatati mal-ftehimiet dwar is-sajd, inkluż ir-riżerva, ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni meħtieġa dwar il-kawżi tas-sitwazzjoni u dwar il-miżuri li jistgħu jiġu adottati skont il-proċeduri stabbiliti. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri adatti.

Kull tliet xhur, il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar is-sajd fis-seħħ u previżjonijiet finanzjarji għall-bqija tas-sena.

21. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura rilevanti li tirregola n-negozjati ta' ftehimiet dwar is-sajd, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom, fil-qafas ta' kooperazzjoni baġitarja, biex jaslu għal ftehim f'waqtu dwar il-finanzjament adegwat ta' ftehimiet dwar is-sajd.

## D. FINANZJAMENT TAL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)

22. L-ammont totali tan-nefqa operattiva tal-PESK għandu jiddaħħal kollu kemm hu f'kapitolu wieħed tal-baġit, intitolat PESK. Dak l-ammont għandu jkopri l-bżonnijiet reali prevedibbli, evalwati fil-qafas li jistabbilixxi l-abbozz tal-baġit, fuq il-bażi ta' tbassir imħejji kull sena mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ("ir-Rappreżentant Għoli"). Għandu jitħalla marġni raġonevoli biex ikopri azzjonijiet mhux previsti. L-ebda fondi ma jistgħu jiddaħħlu f'riżerva.

23. Fir-rigward tan-nefqa fuq il-PESK li hija addebitata lill-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 41 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Istituzzjonijiet għandhom jimpenjaw ruħhom, fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 314(5) TFUE, u fuq il-bażi tal-abbozz ta' baġit stabbilit mill-Kummissjoni, biex kull sena jiżguraw li jkun hemm qbil dwar l-ammont tan-nefqa operattiva u dwar it-tqassim ta' dak l-ammont bejn l-artikoli tal-kapitolu tal-baġit tal-PESK. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, huwa mifhum li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom idaħħlu fil-baġit l-ammont li jinsab fil-baġit preċedenti jew l-ammont propost fl-abbozz ta' baġit, skont liema wieħed ikun l-aktar baxx.

L-ammont totali tan-nefqa operattiva tal-PESK għandu jitqassam bejn l-artikoli tal-kapitolu tal-baġit tal-PESK kif issuġġerit fit-tielet paragrafu. Kull artikolu għandu jkopri azzjonijiet diġà adottati, azzjonijiet li huma previsti iżda li għadhom ma ġewx adottati u ammonti għal azzjonijiet futuri — jiġifieri mhux previsti — li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja kkonċernata.

Fil-kapitolu tal-baġit dwar il-PESK, l-artikoli li fihom għandhom jiddaħħlu l-azzjonijiet tal-PESK jistgħu jkunu fit-termini li ġejjin:

– missjonijiet ewlenin individwali kif imsemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Finanzjarju;

– missjonijiet oħra (għal operazzjonijiet tal-immaniġġar ta' kriżijiet, prevenzjoni ta' kunflitti,

– riżoluzzjoni u stabbilizzazzjoni, u monitoraġġ u implimentazzjoni ta' proċessi ta' paċi u sigurtà);

– nonproliferazzjoni u diżarm;

– miżuri ta' emerġenza;

– miżuri ta' tħejjija u ta' segwitu;

– Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea.

Billi, skont ir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha l-awtorità li tittrasferixxi b'mod awtonomu approprjazzjonijiet bejn l-artikoli fil-kapitolu tal-baġit dwar il-PESK, għandha tiġi żgurata kif xieraq il-flessibbiltà li titqies meħtieġa għall-implimentazzjoni malajr tal-azzjonijiet tal-PESK. F'każ li l-ammont tal-kapitolu tal-baġit tal-PESK matul is-sena finanzjarja ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż meħtieġa, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ifittxu soluzzjoni b'urġenza, fuq proposta mill-Kummissjoni.

24. Kull sena, ir-Rappreżentant Għoli għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dokument ta’ prospettiva, li għandu jiġi trażmess sal-15 ta' Ġunju tas-sena kkonċernata, li jistabbilixxi l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-PESK, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-Unjoni, evalwazzjoni tal-miżuri mnedija fis-sena n-1 u valutazzjoni tal-koordinazzjoni u l-kumplementarjetà tal-PESK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli għandu jżomm informat b'mod regolari lill-Parlament Ewropew billi jorganizza laqgħat konġunti ta' konsultazzjoni mill-anqas ħames darbiet fis-sena, fil-qafas tad-djalogu politiku regolari dwar il-PESK, li għandu jintlaħaq ftehim dwarhom  mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru ta’ kull sena. Il-parteċipazzjoni f'dawk il-laqgħat għandha tiġi determinata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill rispettivament, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-objettiv u n-natura tal-informazzjoni skambjata f'dawk il-laqgħat.

Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna tipparteċipa f'dawk il-laqgħat.

Jekk il-Kunsill jadotta deċiżjoni fil-qasam tal-PESK li tinvolvi nefqa, ir-Rappreżentant Għoli għandu minnufih, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara, jibgħat lill-Parlament Ewropew estima tal-ispejjeż previsti ("dikjarazzjoni finanzjarja"), b'mod partikolari dawk l-ispejjeż marbuta maż-żmien meħtieġ,, persunal impjegat, użu ta' bini u infrastruttura oħra, faċilitajiet tat-trasport, rekwiżiti tat-taħriġ u arranġamenti dwar is-sigurtà.

Darba kull tliet xhur, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-PESK u l-previżjonijiet finanzjarji għall-bqija tas-sena finanzjarja.

### E. INVOLVIMENT TAL-ISTITUZZJONIJIET FIR-RIGWARD TA' KWISTJONIJIET TA' POLITIKA TAL-IŻVILUPP

25. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi djalogu informali mal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet ta' politika tal-iżvilupp.

## PARTI III

## ĠESTJONI FINANZJARJA TAJBA TAL-FONDI TAL-UNJONI

### A. PROGRAMMAR FINANZJARJU

26. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta darbtejn fis-sena, l-ewwel darba flimkien mad-dokumenti li jakkumpanjaw l-abbozz ta' baġit u t-tieni darba wara l-adozzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, programmar finanzjarju komplut għall-intestaturi 1, 2 (ħlief għas-sottointestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali"), 3 (għal "Ambjent u azzjoni dwar il-klima" u "Politika marittima u sajd"), 4, 5 u 6 tal-QFP. Dak l-ipprogrammar, strutturat skont l-intestatura, il-qasam ta' politika u linja baġitarja, jenħtieġ li jidentifika:

(a) il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'distinzjoni bejn programmi pluriennali u azzjonijiet annwali:

(i) għal programmi pluriennali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tindika l-proċedura li skontha jkunu ġew adottati (proċedura leġiżlattiva ordinarja jew dik speċjali), it-tul ta’ żmien tagħhom, il-pakkett finanzjarju totali u s-sehem allokat għan-nefqa amministrattiva;

(ii) għall-programmi pluriennali msemmija fl-Anness II għar-Regolament tal-QFP, il-Kummissjoni għandha tindika b'mod trasparenti l-allokazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP;

(iii) għal azzjonijiet annwali (relatati ma' proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji u aġenziji) u azzjonijiet iffinanzjati skont il-prerogattivi tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi estimi pluriennali;

(b) proposti leġiżlattivi pendenti: proposti li għaddejjin bħalissa tal-Kummissjoni, bl-aħħar aġġornament.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis modi ta' kontroreferenzjar tal-ipprogrammar finanzjarju mal-ipprogrammar leġiżlattiv tagħha biex tipprovdi previżjonijiet aktar preċiż u affidabbli. Għal kull proposta leġiżlattiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tindika jekk hijiex inkluża fl-ipprogrammar ikkomunikat fiż-żmien meta tressaq l-abbozz ta' baġit jew wara l-adozzjoni finali tal-baġit. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'mod partikolari:

(a) bl-atti leġiżlattivi ġodda kollha adottati u l-proposti pendenti kollha mressqa iżda mhux inklużi fl-ipprogrammar ikkomunikat fiż-żmien tal-abbozz ta' baġit jew wara l-adozzjoni finali tal-baġit (bl-ammonti korrispondenti);

(b) bil-leġiżlazzjoni prevista fil-programm ta' ħidma leġiżlattiva annwali tal-Kummissjoni, b'indikazzjoni ta' jekk l-azzjonijiet x'aktarx ikollhom impatt finanzjarju jew le.

Kull fejn meħtieġ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tindika l-ipprogrammar mill-ġdid li jirriżulta mill-proposti leġiżlattivi ġodda.

## B. AĠENZIJI U SKEJJEL EWROPEJ

27. Qabel ma tressaq proposta għall-ħolqien ta' aġenzija ġdida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproduċi valutazzjoni tal-impatt tajba, kompleta u oġġettiva, filwaqt li tikkunsidra, fost oħrajn, il-massa kritika tal-persunal u tal-kompetenzi, aspetti tal-ispejjeż f'termini ta' benefiċċji, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-impatt fuq l-attivitajiet nazzjonali u tal-Unjoni, u l-implikazzjonijiet baġitarji għall-intestatura ta' nefqa kkonċernata. Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri leġiżlattivi li jirregolaw it-twaqqif tal-aġenzija, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jintrabtu, fil-qafas ta' kooperazzjoni baġitarja, li jilħqu ftehim f'waqtu dwar l-iffinanzjar tal-aġenzija proposta.

Għandhom jiġu applikati l-passi proċedurali li ġejjin:

– l-ewwel nett, il-Kummissjoni għandha tressaq b'mod sistematiku kwalunkwe proposta għat-twaqqif ta' aġenzija ġdida lill-ewwel trilogu wara l-adozzjoni tal-proposta tagħha, u għandha tressaq id-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva għall-ħolqien tal-aġenzija u għandha turi l-konsegwenzi tagħha għall-bqija tal-perijodu tal-ipprogrammar finanzjarju;

– it-tieni, matul il-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tassisti lil-leġiżlatur fil-valutazzjoni tal-konsegwenzi finanzjarji tal-emendi proposti. Jenħtieġ li dawk il-konsegwenzi finanzjarji jitqiesu waqt it-trilogi leġiżlattivi rilevanti;

– it-tielet, qabel il-konklużjoni tal-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tressaq dikjarazzjoni finanzjarja aġġornata li tqis l-emendi potenzjali mil-leġiżlatur; dik id-dikjarazzjoni finanzjarja finali għandha titqiegħed fuq l-aġenda tat-trilogu leġiżlattiv finali u tiġi approvata b'mod formali mil-leġiżlatur. Għandha titqiegħed ukoll fuq l-aġenda ta' trilogu baġitarju sussegwenti (f'każijiet urġenti, f'forma simplifikata), bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-finanzjament;

– ir-raba', il-ftehim milħuq waqt trilogu, li jqis il-valutazzjoni baġitarja tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut tal-proċess leġiżlattiv, għandu jiġi kkonfermat f'dikjarazzjoni konġunta. Dak il-ftehim għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kull wieħed minnhom f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

L-istess proċedura tiġi applikata għal kwalunkwe emenda għal att legali li jikkonċerna aġenzija li jista' jkollha impatt fuq ir-riżorsi tal-aġenzija kkonċernata.

F'każ li l-kompiti ta' aġenzija jiġu modifikati b'mod sostanzjali mingħajr emenda għall-att legali li jistabbilixxi l-aġenzija kkonċernata, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill permezz ta' dikjarazzjoni finanzjarja riveduta, sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jaslu għal ftehim f'waqtu dwar il-finanzjament tal-aġenzija.

28. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti mill-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati ffirmata fid-19 ta' Lulju 2012 jitqiesu b'mod xieraq fil-proċedura baġitarja.

29. Meta l-Bord tal-Gvernaturi jipprevedi l-ħolqien ta' skola Ewropea ġdida, għandha tiġi applikata, *mutatis mutandis*, proċedura simili għall-implikazzjonijiet baġitarji tagħha fuq il-baġit tal-Unjoni.

PARTI IV

## IL-PROTEZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UNJONI: IL-KWALITÀ U L-KOMPARABBILTÀ TAD-DATA DWAR IL-BENEFIĊJARJI

30 F'konformità mat-talbiet tal-Parlament Ewropew u bħala reazzjoni għall-punt 24 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020, sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u talIstrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkuprukontra l-frodi u l-irregolaritajiet, l-Istituzzjonijiet jaqblu dwar l-introduzzjoni ta' miżuri standardizzati biex jiġbru, iqabblu u jaggregaw l-informazzjoni u l-figuri dwar ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni, għall-finijiet ta' kontroll u awditjar.

31. Sabiex jiġu żgurati kontrolli u awditjar effettivi, huwa meħtieġ li tinġabar data dwar dawk li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw, direttament jew indirettament, minn finanzjament tal-Unjoni b'ġestjoni kondiviża u minn proġetti u riformi appoġġati mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż id-data dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri tal-finanzjament. Ir-regoli relatati mal-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data ser ikollhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

32. Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni ser tagħmel disponibbli sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika ta' estrazzjoni tad-data u ta' kejl tar-riskju biex jinkiseb aċċess għad-data msemmija fil-punt 31 u biex tiġi analizzata bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Dik is-sistema tiżgura verifiki effiċjenti dwar kunflitti ta' interess, irregolaritajiet, kwistjonijiet ta' finanzjament doppju, u kwalunkwe użu ħażin tal-fondi. Il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) u korpi investigattivi u ta' kontroll oħra tal-Unjoni jenħtieġ li jkollhom l-aċċess meħtieġ għal dik l-informazzjoni sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet superviżorji tagħhom b'rabta mal-kontrolli u l-awditjar li għandhom jitwettqu l-ewwel mill-Istati Membri biex jidentifikaw irregolaritajiet u jwettqu investigazzjonijiet amministrattivi dwar l-użu ħażin tal-finanzjament ikkonċernat tal-Unjoni, u biex jiksbu stampa ġenerali preċiża tad-distribuzzjoni tiegħu.

33. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istituzzjonijiet skont it-Trattati, matul il-proċedura leġiżlattiva relatata mal-atti bażiċi rilevanti, l-Istituzzjonijiet jieħdu l-impenn li jikkooperaw b'mod sinċier sabiex jiżguraw li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 jkollhom segwitu, f'konformità mal-approċċ deskritt f'din il-Parti.

Magħmul fi Brussell,

| | | |
|---|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
| *Il-President* | *Il-President* | *Il-President* |

ANNESS I

KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI MATUL IL-PROĊEDURA BAĠITARJA

Parti A. Kalendarju tal-proċedura baġitarja

1. L-Istituzzjonijiet għandhom jaqblu dwar kalendarju prammatiku kull sena fi żmien debitu qabel il-bidu tal-proċedura baġitarja fuq il-bażi tal-prattika attwali.

2. Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jeżerċitaw il-prerogattivi baġitarji tagħhom b'mod effettiv, il-pożizzjonijiet baġitarji, it-trasferimenti jew notifiki oħra li jinvolvu l-attivazzjoni ta' skadenzi għandhom jiġu ppreżentati billi jqisu b'mod xieraq kwalunkwe perijodu ta' waqfien li l-Istituzzjonijiet ikunu infurmaw lil xulxin fi żmien debitu dwar id-dati tagħhom permezz tas-servizzi rispettivi tagħhom.

Parti B. Prijoritajiet għall-proċedura baġitarja

3. Fi żmien debitu qabel il-Kummissjoni tadotta l-abbozz ta' baġit, għandu jitlaqqa' trilogu biex jiġu diskussi l-prijoritajiet possibbli għall-baġit tas-sena finanzjarja li jmiss u kwalunkwe mistoqsija li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena finanzjarja attwali, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-punt 37.

Parti C. Stabbiliment tal-abbozz ta' baġit u l-aġġornament tal-estimi

4. L-istituzzjonijiet, għajr il-Kummissjoni, huma mistiedna jadottaw id-dikjarazzjoni tal-estimi tagħhom qabel l-aħħar ta' Marzu.

5. Il-Kummissjoni għandha tressaq kull sena abbozz ta' baġit li juri r-rekwiżiti finanzjarji reali tal-Unjoni.

Hija għandha tqis:

(a) il-previżjonijiet ipprovduti mill-Istati Membri b'rabta mal-Fondi Strutturali;

(b) il-kapaċità għall-utilizzazzjoni ta' approprjazzjonijiet, waqt li tagħmel kull sforz biex tinżamm relazzjoni stretta bejn approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament;

(c) il-possibbiltajiet li jitniedu politiki ġodda permezz ta' proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji ġodda, jew it-tnejn li huma, jew għat-tkomplija ta' azzjonijiet pluriennali li jkunu waslu biex jintemmu, wara li jiġi valutat jekk huwiex possibbli li jiġi żgurat att bażiku, fis-sens tar-Regolament Finanzjarju (id-definizzjoni ta' att bażiku, n-neċessità ta' att bażiku għall-implementazzjoni u l-eċċezzjonijiet);

(d) il-ħtieġa li jiġi żgurat li kwalunkwe bidla fin-nefqa b'rabta mas-sena preċedenti tkun f'konformità mar-restrizzjonijiet tad-dixxiplina baġitarja.

6. L-Istituzzjonijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jevitaw li jdaħħlu partiti fil-baġit li jinvolvu ammonti insinifikanti ta' nefqa operattiva.

7. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom ukoll li jżommu f'moħħhom il-valutazzjoni tal-possibbiltajiet għall-implementazzjoni tal-baġit magħmula mill-Kummissjoni fl-abbozzi tagħha u b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja attwali.

8. Fl-interessi ta' ġestjoni finanzjarja tajba u minħabba l-effett ta' bidliet kbar fit-titoli u l-kapitoli tan-nomenklatura tal-baġit dwar ir-responsabbiltajiet tar-rappurtar maniġerjali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jiddiskutu mal-Kummissjoni kwalunkwe bidla kbira waqt il-konċiljazzjoni.

9. Fl-interess ta' kooperazzjoni istituzzjonali leali u tajba, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu l-impenn li jżommu kuntatti regolari u attivi fil-livelli kollha, permezz tan-negozjaturi rispettivi tagħhom, matul il-proċedura baġitarja kollha u, b'mod partikolari, matul il-perijodu kollu ta' konċiljazzjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jiżguraw skambju reċiproku f'waqtu u kontinwu tal-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kemm f'livell formali kif ukoll dak informali, kif ukoll li jorganizzaw laqgħat tekniċi jew informali kif meħtieġ, matul il-perijodu ta' konċiljazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom aċċess f'waqtu u ugwali għall-informazzjoni u d-dokumenti.

10. Saż-żmien li jitlaqqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-Kummissjoni tista', jekk meħtieġ, tippreżenta ittri ta' emenda tal-abbozz ta' baġit f'konformità mal-Artikolu 314(2) TFUE, inkluż ittra emendatorja li taġġorna, b'mod partikolari l-estimi tan-nefqa għall-agrikoltura. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni dwar l-aġġornamenti, hekk kif issir disponibbli, sabiex ikunu jistgħu jikkunsidrawha. Hija għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-raġunijiet motivati kollha li huma jistgħu jeħtieġu.

Parti D. Proċedura baġitarja qabel il-proċedura ta' konċiljazzjoni

11. Għandu jitlaqqa' trilogu fi żmien debitu qabel il-qari tal-Kunsill, biex l-Istituzzjonijiet ikunu jistgħu jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar l-abbozz ta' baġit.

12. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta f'ħin debitu l-eżegwibbiltà tal-emendi, previsti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li joħolqu azzjonijiet preparatorji jew proġetti pilota ġodda jew li jtawlu dawk eżistenti, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħhom f'dak ir-rigward, sabiex tkun tista' ssir fil-pront l-ewwel diskussjoni f'dak it-trilogu.

13. Jista' jitlaqqa' trilogu qabel il-votazzjoni fil-plenarja tal-Parlament Ewropew.

Parti E.Proċedura ta' konċiljazzjoni

14. Jekk il-Parlament Ewropew jadotta emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, il-President tal-Kunsill għandu, matul l-istess seduta plenarja, jieħu nota tad-differenzi fil-pożizzjoni taż-żewġ istituzzjonijiet u jinforma lill-President tal-Parlament Ewropew bil-qbil tiegħu li jitlaqqa' b'mod immedjat il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. L-ittra li tlaqqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol tal-ġimgħa ta' wara tmiem is-sessjoni parzjali parlamentari li matulha jkun ittieħed il-vot plenarju, u l-perijodu ta' konċiljazzjoni għandu jibda l-għada. Il-perijodu ta' 21 jum għandu jiġi kkalkulat f'konformità mar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill[1].

15. Jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jaqbel dwar l-emendi kollha adottati mill-Parlament Ewropew, jenħtieġ li jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu permezz ta' ittra mibgħuta qabel l-ewwel laqgħa prevista matul il-perijodu ta' konċiljazzjoni. F'dak il-każ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jipproċedi f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fil-punti li ġejjin.

16. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jkun ippresedut b'mod konġunt mir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandhom jiġu ppreseduti mill-kopresidenza tal-istituzzjoni li tospita l-laqgħa. Kull istituzzjoni, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tagħha stess, għandha tinnomina l-parteċipanti tagħha għal kull laqgħa u tistabbilixxi l-mandat tagħha għan-negozjati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu rrappreżentati f'livell adatt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, b'tali mod li kull delegazzjoni tkun tista' timpenja politikament lill-istituzzjoni rispettiva tagħha, u jkun jista' jsir progress reali lejn il-ftehim finali.

[1] Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).

17. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 314(5) TFUE, il-Kummissjoni għandha tieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bil-ħsieb li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

18. It-trilogi għandhom isiru matul il-perijodu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni, f'livelli differenti ta' rappreżentanza, bil-għan li jiġu solvuti l-kwistjonijiet pendenti u titwitta t-triq għal ftehim li għandu jintlaħaq fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

19. Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u t-trilogi għandhom isiru alternattivament fil-bini tal-Parlament Ewropew u f'dak tal-Kunsill, bil-għan li l-faċilitajiet jiġu kondiviżi ndaqs, inkluż il-faċilitajiet ta' interpretazzjoni.

20. Id-dati tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tat-trilogi għandhom jiġu stabbiliti minn qabel bi ftehim bejn l-Istituzzjonijiet.

21. Sett komuni ta' dokumenti ("dokumenti inizjali") li jqabblu d-diversi stadji tal-proċedura baġitarja għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni[1]. Dawk id-dokumenti għandhom jinkludu ċifri "linja b'linja", totali skont l-intestaturi tal-QFP u dokument konsolidat b'ċifri u rimarki għal-linji baġitarji kollha li jitqiesu teknikament "miftuħa". Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għandu jkun hemm dokument speċifiku li jelenka l-linji baġitarji kollha li jitqiesu teknikament magħluqa[2]. Dawk id-dokumenti għandhom jiġu kklassifikati skont in-nomenklatura baġitarja.

Għandhom jiġu mehmuża wkoll dokumenti oħra mad-dokumenti inizjali għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, inkluż ittra ta' implimentabbiltà mill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill u l-emendi tal-Parlament Ewropew, u kwalunkwe ittra minn istituzzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw il-pożizzjoni tal-Kunsill jew l-emendi tal-Parlament Ewropew.

22. Bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim sal-aħħar tal-perijodu ta' konċiljazzjoni, it-trilogi għandhom:

(a) jiddefinixxu l-ambitu tan-negozjati dwar il-kwistjonijiet baġitarji li għandhom jiġu indirizzati;

(b) japprovaw il-lista tal-linji baġitarji li jitqiesu teknikament magħluqa, soġġett għall-ftehim finali dwar il-baġit sħiħ tas-sena finanzjarja;

---

[1] Id-diversi stadji jinkludu: il-baġit tas-sena finanzjarja attwali (inkluż baġits emendatorji adottati); l-abbozz ta' baġit inizjali; il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit; l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill u l-ittri ta' emendi mressqa mill-Kummissjoni (jekk ma jkunux diġà ġew approvati b'mod sħiħ mill-Istituzzjonijiet).

[2] Linja baġitarja li titqies teknikament magħluqa hija linja li dwarha ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u li dwarha ma tkun ġiet imressqa l-ebda ittra emendatorja.

(c) jiddiskutu l-kwistjonijiet identifikati fil-punt (a) bil-ħsieb li jintlaħqu ftehimiet possibbli li għandhom jiġu approvati mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni;

(d) jindirizzaw kwistjonijiet tematiċi, inkluż skont l-intestaturi tal-QFP.

Għandhom jintlaħqu konklużjonijiet tentattivi b'mod konġunt matul jew immedjatament wara kull trilogu, u, b'mod simultanju, għandha tiġi miftiehma l-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Dawk il-konklużjonijiet għandhom jiġu rreġistrati mill-istituzzjoni li tospita t-trilogu u għandhom jitqiesu approvati b'mod proviżorju wara 24 siegħa, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

23. Waqt il-laqgħa tal-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni għandu jkun hemm għad-dispożizzjoni tiegħu l-konklużjonijiet tat-trilogi u dokument li possibbilment jiġi approvat, kif ukoll il-linji baġitarji li dwarhom ikun intlaħaq ftehim tentattiv matul it-trilogi.

24. It-test konġunt previst fl-Artikolu 314(5) TFUE għandu jiġi stabbilit mis-segretarjati tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-assistenza tal-Kummissjoni. Huwa għandu jikkonsisti minn ittra ta' trażmissjoni indirizzata mill-presidenti taż-żewġ delegazzjonijiet lill-President tal-Parlament Ewropew u lil dak tal-Kunsill, li jkun fiha d-data tal-ftehim fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u annessi li għandhom jinkludu:

(a) ċifri linja b'linja għall-partiti kollha tal-baġit u ċifri sommarji skont l-intestaturi tal-QFP;

(b) dokument konsolidat, li jindika ċ-ċifri u t-test finali għal-linji kollha li jkunu ġew emendati matul il-proċedura ta' konċiljazzjoni;

(c) il-lista tal-linji mhux emendati fir-rigward tal-abbozz ta' baġit jew tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwarha.

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jista' japprova wkoll konklużjonijiet u dikjarazzjonijiet konġunti possibbli b'rabta mal-baġit.

25. It-test konġunt għandu jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (mis-servizzi tal-Parlament Ewropew) u għandu jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'perijodu ta' 14-il jum mid-data tal-ftehim dwar it-test konġunt imsemmi fil-punt 24.

Il-baġit għandu jkun soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti wara l-adozzjoni tat-test konġunt billi jiġu integrati l-annessi tat-test konġunt mal-linji baġitarji mhux emendati matul il-proċedura ta' konċiljazzjoni.

26. L-istituzzjoni li tospita l-laqgħa (it-trilogu jew il-konċiljazzjoni) għandha tipprovdi faċilitajiet ta' interpretazzjoni b'reġim lingwistiku sħiħ applikabbli għal-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u reġim lingwistiku *ad hoc* għat-trilogi.

L-istituzzjoni li tospita l-laqgħa għandha tipprevedi l-ikkupjar u t-tqassim ta' dokumenti tal-kamra.

Is-servizzi tal-Istituzzjonijiet għandhom jikkooperaw fil-kodifikazzjoni tar-riżultati tan-negozjati sabiex jiġi ffinalizzat it-test konġunt.

Parti F.Baġits emendatorji

Prinċipji ġenerali

27. Konsapevoli li ħafna drabi l-baġits emendatorji jiffukaw fuq kwistjonijiet speċifiċi u xi kultant urġenti, l-Istituzzjonijiet jaqblu dwar il-prinċipji li ġejjin biex jiżguraw li jkun hemm kooperazzjoni interistituzzjonali xierqa biex il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar baġits emendatorji jkun mingħajr diffikultajiet u ma jdumx, filwaqt li jiġi evitat, safejn ikun possibbli, li jkollha tissejjaħ laqgħa ta' konċiljazzjoni għall-baġits emendatorji.

28. Sa fejn ikun possibbli, l-Istituzzjonijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jillimitaw l-għadd ta' baġits emendatorji.

Kalendarju

29. Il-Kummissjoni għandha tinforma bil-quddiem lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-dati possibbli għall-adozzjoni tal-abbozzi ta' baġits emendatorji, mingħajr preġudizzju għad-data finali tal-adozzjoni.

30. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kull wieħed minnhom f'konformità mar-regoli interni ta' proċedura tiegħu, għandhom jimpenjaw ruħhom li jeżaminaw l-abbozz ta' baġit emendatorju propost mill-Kummissjoni mal-ewwel opportunità wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kummissjoni.

31. Sabiex titħaffef il-proċedura, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, li jkunu ikkoordinati l-kalendarji ta' ħidma rispettivi tagħhom sabiex il-proċedimenti jkunu jistgħu jitwettqu b'mod koerenti u konverġenti. Għalhekk, kemm jista' jkun malajr, għandhom ifittxu li jistabbilixxu skeda ta' żmien indikattiva għad-diversi stadji li jwasslu għall-adozzjoni finali tal-baġit emendatorju.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom iqisu l-urġenza relattiva tal-baġit emendatorju u l-ħtieġa li japprovawh fi żmien debitu biex ikun effettiv matul is-sena finanzjarja kkonċernata.

Kooperazzjoni waqt il-qari

32. L-Istituzzjonijiet għandhom jikkooperaw bona fide matul il-proċedura, billi jwittu t-triq, sa fejn ikun possibbli, għall-adozzjoni tal-baġits emendatorji fi stadju bikri tal-proċedura.

Fejn xieraq, u meta jkun hemm il-potenzjal ta' diverġenza , il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, qabel ma kull wieħed minnhom jieħu l-pożizzjoni finali tiegħu dwar il-baġit emendatorju, jew il-Kummissjoni fi kwalunkwe ħin, jistgħu jipproponu li jitlaqqa' trilogu speċifiku biex jiġu diskussi d-diverġenzi u jipprova jintlaħaq kompromess.

33. L-abbozzi ta' baġits emendatorji kollha proposti mill-Kummissjoni u li jkunu għadhom ma ġewx approvati b'mod finali għandhom jiddaħħlu b'mod sistematiku fuq l-aġenda tat-trilogi ppjanati għall-proċedura baġitarja annwali. Il-Kummissjoni għandha tressaq l-abbozzi ta' baġits emendatorji u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, sa fejn ikun possibbli, jgħarrfu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom qabel it-trilogu.

34. Jekk jintlaħaq kompromess waqt trilogu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jikkunsidraw ir-riżultati tat-trilogu meta jiddeliberaw fuq il-baġit emendatorju f'konformità mat-TFUE u mar-regoli ta' proċedura tagħhom.

Kooperazzjoni wara l-qari

35. Jekk il-Parlament Ewropew japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi, il-baġit emendatorju għandu jiġi adottat f'konformità mat-TFUE.

36. Jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-emendi permezz ta' maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, għandu japplika l-punt (c) tal-Artikolu 314(4) TFUE. Madankollu, qabel ma jiltaqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għandu jissejjaħ trilogu:

(a) jekk jintlaħaq ftehim matul dak it-trilogu u soġġett għall-qbil tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riżultati tat-trilogu, il-konċiljazzjoni għandha tintemm permezz ta' skambju ta' ittri mingħajr laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni;

(b) jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim matul dak it-trilogu, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jiltaqa' u jorganizza l-ħidma tiegħu f'konformità maċ-ċirkostanzi, bil-ħsieb li jtemm il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kemm jista' jkun qabel l-iskadenza ta' 21 jum stipulata fl-Artikolu 314(5) TFUE. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jista' jikkonkludi permezz ta' skambju ta' ittri.

Parti G. Implimentazzjoni tal-baġit, pagamenti u mpenji pendenti (*reste à liquider* (RAL)

37. Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li jsir progress ordnat tal-approprjazzjonijiet totali ta' pagament b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kwalunkwe riport anormali tar-RAL minn sena għal oħra, l-Istituzzjonijiet jaqblu li jissorveljaw mill-qrib il-previżjonijiet tal-pagamenti u l-livell tar-RAL sabiex jitnaqqas ir-riskju li tiġi ostakolata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti fi tmiem il-QFP.

Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm livell u profil maniġġabbli għall-pagamenti fl-intestaturi kollha, ir-regoli ta' diżimpenn għandhom jiġu applikati b'mod strett fl-intestaturi kollha, b'mod partikolari r-regoli għad-diżimpenji awtomatiċi.

Matul il-proċedura baġitarja, l-Istituzzjonijiet għandhom jiltaqgħu b'mod regolari bil-ħsieb li jivvalutaw b'mod konġunt is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għall-implimentazzjoni baġitarja fis-sena finanzjarja attwali u fis-snin finanzjarji futuri. Dik il-valutazzjoni għandha ssir permezz ta' laqgħat interistituzzjonali speċifiċi fil-livell xieraq, li qabilhom il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod dettaljat dwar is-sitwazzjoni attwali, skont il-fond u l-Istat Membru, tal-implimentazzjoni tal-pagamenti, tat-trasferimenti, tat-talbiet għal rimborżi riċevuti u tal-previżjonijiet riveduti, inkluż previżjonijiet fit-tul, fejn applikabbli. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji kollha tagħha li jirriżultaw mill-impenji eżistenti u futuri fil-perijodu 2021-2027 f'konformità mal-Artikolu 323 TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom janalizzaw u jiddiskutu l-estimi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament meħtieġ.

Parti H. Kooperazzjoni fir-rigward tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru[1+]

38. Bl-għan ewlieni li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni ser tingħata s-setgħa li tissellef fondi fuq is-swieq tal-kapital f'isem l-Unjoni sa EUR 750 000 miljun fi prezzijiet tal-2018, li minnhom sa mhux aktar minn EUR 390 000 miljun fi prezzijiet tal-2018 jistgħu jintużaw għan-nefqa u sa mhux aktar minn EUR 360 000 miljun fi prezzijiet tal-2018 jistgħu jintużaw għall-għoti ta' self skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Kif previst fir-Regolament EURI, l-ammont li għandu jintuża għan-nefqa jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-finijiet tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

39. L-Istituzzjonijiet jaqblu li r-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' awtorità baġitarja, jeħtieġ li jissaħħaħ fir-rigward tad-dħul assenjat estern skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru , bil-ħsieb li jiġu żgurati sorveljanza xierqa ta' dak id-dħul u involviment fl-użu tiegħu, fil-limiti stabbiliti fir-Regolament EURI u, kif xieraq, fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti. L-Istituzzjonijiet jaqblu wkoll dwar il-ħtieġa li jiġu żgurati trasparenza u viżibbiltà sħiħa tal-fondi kollha skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru.

[1] Fejn il-Kummissjoni tippreżenta proposta għal att tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 TFUE b'implikazzjonijiet baġitarji potenzjalment apprezzabbli, il-proċedura kif stabbilita fid-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' ... dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti ġodda fuq il-bażi tal-Artikolu 122 TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni (ĠU ..., p. ...) hija applikabbli.

[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna d-data tad-dikjarazzjoni konġunta li tinsab fid-dokument SN 3633/3/20 REV 3 ADD 1 u imla r-referenza tal-ĠU.

Dħul assenjat estern skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru

40. Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-governanza tad-dħul assenjat estern skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru , it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu dwar il-proċedura stabbilita fil-punti 41 sa 46.

41. Il-Kummissjoni ser tipprovdi informazzjoni dettaljata mal-abbozz tal-estimi tagħha fil-kuntest tal-proċedura baġitarja. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi estimi dettaljati tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kif ukoll tal-impenji legali, imqassma skont l-intestatura u skont il-programm li jirċievi d-dħul assenjat skont ir-Regolament EURI. Il-Kummissjoni ser tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti addizzjonali mitluba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Il-Kummissjoni ser tehmeż mal-abbozz ta' baġit emendatorju dokument li jiġbor l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru , inkluż tabelli sommarji li jaggregaw l-approprjazzjonijiet tal-baġit u d-dħul assenjat skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru. Dak id-dokument ser ikun parti mill-anness għall-baġit ġenerali tal-Unjoni dwar id-dħul assenjat estern previst fil-punt 44.

42. Il-Kummissjoni ser tressaq aġġornamenti regolari tal-informazzjoni msemmija fil-punt 41 matul is-sena finanzjarja kollha u mill-inqas qabel kull laqgħa speċifika kif imsemmi fil-punt 45. Il-Kummissjoni ser tpoġġi l-informazzjoni rilevanti għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f’ħin biżżejjed minn qabel li jippermetti diskussjonijiet u deliberazzjonijiet sinifikanti dwar dokumenti ta' ppjanar korrispondenti, inkluż qabel ma l-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet rilevanti.

43. It-tliet Istituzzjonijiet ser jiltaqgħu regolarment fil-kuntest tal-proċedura baġitarja bil-ħsieb li jivvalutaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni tad-dħul assenjat estern skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, b'mod partikolari s-sitwazzjoni attwali u l-prospetti u biex jiddiskutu l-estimi annwali pprovduti mal-abbozzi ta' baġits rispettivi u d-distribuzzjoni tagħhom, billi jqisu debitament il-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament EURI u, kif xieraq, fil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti.

44. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jehmżu mal-baġit ġenerali tal-Unjoni, fil-forma ta' anness, dokument li jistabbilixxi l-linji baġitarji kollha li jirċievu dħul assenjat mill- Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru. Barra minn hekk, huma ser jużaw l-istruttura tal-baġit biex jakkomodaw id-dħul assenjat skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, u b'mod partikolari r-rimarki baġitarji, biex jeżerċitaw kontroll dovut fuq l-użu ta' dak id-dħul. F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fid-dikjarazzjoni tan-nefqa, ser jinkludu rimarki, inklużi rimarki ġenerali, li juru liema linji baġitarji jistgħu jirċievu l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat fuq il-bażi tar-Regolament EURI u jindikaw l-ammonti rilevanti. Il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tad-dħul assenjat, tintrabat li tqis debitament dawk ir-rimarki.

45. L-Istituzzjonijiet jaqblu li jorganizzaw laqgħat interistituzzjonali speċifiċi fil-livell xieraq bil-ħsieb li jivvalutaw is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għad-dħul assenjat estern skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru. Dawk il-laqgħat ser isiru mill-inqas tliet darbiet f'sena finanzjarja eżattament qabel jew wara t-trilogi baġitarji. Barra minn hekk, l-Istituzzjonijiet għandhom jiltaqgħu fuq bażi *ad hoc* jekk istituzzjoni waħda tipprovdi talba motivata. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu fi kwalunkwe ħin iressqu osservazzjonijiet bil-miktub dwar l-implimentazzjoni ta' dħul assenjat estern. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tqis debitament kwalunkwe kumment u suġġeriment magħmul mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dawk il-laqgħat jistgħu jindirizzaw devjazzjonijiet sinifikanti fin-nefqa tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, f'konformità mal-punt 46.

46. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar kwalunkwe devjazzjoni mill-previżjonijiet inizjali tagħha qabel laqgħa interistituzzjonali speċifika kif imsemmi fil-punt 45 u fuq bażi *ad hoc* f'każ ta' devjazzjoni sinifikanti. Devjazzjoni min-nefqa prevista tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru tkun sinifikanti jekk in-nefqa f'sena finanzjarja partikolari u fi programm partikolari tiddevja mill-previżjonijiet b'aktar minn 10%. F'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-previżjonijiet inizjali, l-Istituzzjonijiet ser jiddiskutu l-kwistjoni, f'każ li ssir talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ġimgħatejn wara l-avviż ta' tali devjazzjoni sinifikanti. L--Istituzzjonijiet ser jivvalutaw il-kwistjoni b'mod konġunt bil-ħsieb li jsibu bażi komuni fi żmien tliet ġimgħat mit-talba għal laqgħa. Il-Kummissjoni ser tqis bis-sħiħ kwalunkwe kumment li jaslilha. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li ma tieħu l-ebda deċiżjoni sakemm id-deliberazzjonijiet ikunu ġew konklużi jew il-perijodu ta' tliet ġimgħat ikun skada. Fil-każ tal-aħħar, il-Kummissjoni għandha debitament tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha. F'każ ta' urġenza, l-Istituzzjonijiet jistgħu jaqblu li jqassru l-iskadenzi b'ġimgħa waħda.

Self ipprovdut skont Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru

47. Sabiex tiġi żgurata informazzjoni sħiħa kif ukoll trasparenza u viżibbiltà fir-rigward tal-komponent tas-self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru , il-Kummissjoni ser tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar self ipprovdut lill-Istati Membri skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru flimkien mal-abbozz tal-estimi tagħha, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lil informazzjoni sensittiva, li hija protetta.

48. L-informazzjoni dwar is-self skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru ser tintwera fil-baġit f'konformità mar-rekwiżiti fil-punt (d) tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Finanzjarju u ser tinkludi wkoll l-anness imsemmi fil-punt (iii) ta' dak il-punt.

**ANNESS II**

KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI DWAR PJAN DIREZZJONALI LEJN L-INTRODUZZJONI TA' RIŻORSI PROPRJI ĠODDA

Preambolu

A. L-Istituzzjonijiet huma impenjati lejn kooperazzjoni sinċiera u trasparenti u l-ħidma lejn l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda matul il-perijodu  tal-QFP 2021-2027.

B. L-Istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kuntest tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, li fih jenħtieġ jiġu introdotti r-riżorsi proprji l-ġodda.

C. Bl-għan ewlieni li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni ser tingħata s-setgħa, skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, li tissellef fondi mis-swieq kapitali f'isem l-Unjoni sa mhux aktar minn EUR 750 000 miljunfi prezzijiet tal-2018, li minnhom mhux aktar minn EUR 390 000  miljun fi prezzijiet tal-2018 jistgħu jintużaw għan-nefqa skont il-punt (b) tal-Artikolu 5(1) ta' dik id-Deċiżjoni.

D. Il-ħlas lura tal-kapital ta' dawk il-fondi li għandhom jintużaw għan-nefqa skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u l-imgħax dovut relatat ser ikollhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż permezz ta' dħul suffiċjenti minn riżorsi proprji ġodda introdotti wara l-2021. L-obbligazzjonijiet relatati kollha ser jitħallsu lura kompletament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058 previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. L-ammonti annwali pagabbli ser jiddependu fuq il-maturitajiet tal-bonds maħruġa u l-istrateġija tal-ħlas lura tad-dejn, filwaqt li jirrispettaw il-limitu għall-ħlas lura tal-kapital tal-fondi msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dak il-paragrafu stabbilit għal 7,5 % tal-ammont massimu li għandu jintuża għan-nefqa msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) ta' dik id-Deċiżjoni.

E. In-nefqa mill-baġit tal-Unjoni relatata mal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru jenħtieġ li ma twassalx għal tnaqqis mhux dovut fin-nefqa tal-programm jew fl-istrumenti ta' investiment taħt il-QFP. Huwa mixtieq ukoll li jiġu mitigati l ż-żidiet fir-riżorsa proprja bbażata fuq id-DNG għall-Istati Membri.

F. Għalhekk, u sabiex jissaħħu l-kredibbiltà u s-sostenibbiltà tal-pjan ta' ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, l-Istituzzjonijiet ser jaħdmu biex jintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda bil-ħsieb li jkopru ammont li jikkorrispondi għan-nefqa mistennija relatata mal-ħlas lura. F'konformità mal-prinċipju ta' universalità, dan ma jkunx jimplika allokazzjoni jew assenjazzjoni ta' kwalunkwe riżorsa proprja partikolari biex tkopri tip speċifiku ta' nefqa.

G. L-Istituzzjonijiet jirrikonoxxu li l-introduzzjoni ta' pakkett ta' riżorsi proprji ġodda jenħtieġ li tappoġġa l-finanzjament adegwat tan-nefqa tal-Unjoni fil-QFP, filwaqt li tnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq id-DNG fil-finanzjament tal-baġit annwali tal-Unjoni. Min-naħa tagħha, id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' dħul tista' twassal biex in-nefqa fil-livell tal-Unjoni tkun iffukata aħjar fuq oqsma ta' prijorità u beni pubbliċi komuni b'kisbiet kbar fl-effiċjenza meta mqabbla mal-infiq nazzjonali.

H. Għalhekk, jenħtieġ li r-riżorsi proprji l-ġodda jiġu allinjati mal-objettivi ta' politika tal-Unjoni u jenħtieġ li jappoġġaw il-prijoritajiet tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u Ewropa adatta għall-Era Diġitali, u jenħtieġ li jikkontribwixxu għal tassazzjoni ġusta u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa.

I. L-Istituzzjonijiet jaqblu li jenħtieġ li riżorsi proprji ġodda preferibbilment jinħolqu b'mod li jippermettu li jiġu ġġenerati "flus ġodda". B'mod parallel, dawn għandhom l-għan li jnaqqsu l-burokrazija u l-piż għall-kumpaniji, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), u għaċ-ċittadini.

J. Ir-riżorsi proprji ġodda jenħtieġ li jissodisfaw il-kriterji ta' sempliċità, trasparenza, prevedibbiltà u ġustizzja. Il-kalkolu, it-trasferiment u l-kontroll tar-riżorsi proprji l-ġodda jenħtieġ li ma jwasslux għal piż amministrattiv eċċessiv għall-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

K. Meta jitqiesu r-rekwiżiti proċedurali kbar għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, l-Istituzzjonijiet jaqblu li r-riforma meħtieġa tas-sistema tar-riżorsi proprji jenħtieġ li tinkiseb b'għadd limitat ta' reviżjonijiet tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

L. L-Istituzzjonijiet għalhekk jaqblu li jikkooperaw matul il-perijodu 2021-2027 fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti f'dan l-Anness sabiex jaħdmu lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda f'konformità mal-pjan direzzjonali stabbilit fil-Parti B u mad-dati stabbiliti fih.

M. L-Istituzzjonijiet jirrikonoxxu wkoll l-importanza tal-għodod għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet kif stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1], b'mod partikolari tal-valutazzjoni tal-impatt.

Parti A. Prinċipji għall-implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni ser tagħmel il-proposti leġiżlattivi meħtieġa għal riżorsi proprji ġodda u għal riżorsi proprji ġodda oħra potenzjali kif imsemmi fil-punt 10 f'konformità mal-prinċipji ta’ Tftassil Aħjar tal-Liġijiet. F'dak il-kuntest ser tqis kif xieraq is-suġġerimenti magħmula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dawk il-proposti leġiżlattivi ser ikunu akkumpanjati mil-leġiżlazzjoni dwar l- implimentazzjoni tar-riżorsi proprji rilevanti.

---

[1] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p.1).

2. L-Istituzzjonijiet jaqblu dwar il-prinċipji gwida li ġejjin għall-introduzzjoni ta' pakkett ta' riżorsi proprji ġodda:

(a) li jinġabar ammont permezz tar-riżorsi proprji l-ġodda li jkun biżżejjed biex ikopri l-livell tan-nefqa globali mistennija għar-rimborż tal-kapital u l-interessi tal-fondi mislufa biex jintużaw għan-nefqa msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' universalità. Id-dħul mir-riżorsi proprji li jkun aktar minn li hu meħtieġ għall-ħlas lura għandu jkompli jiffinanzja l-baġit tal-Unjoni bħala dħul ġenerali f'konformità mal-prinċipju ta' universalità;

(b) l-infiq li jkopri l-ispejjeż ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru għandu jkollu l-għan li ma jnaqqasx in-nefqa għall-programmi u l-fondi tal-Unjoni;

(c) l-allinjament tar-riżorsi proprji mal-prijoritajiet tal-Unjoni, bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-ekonomija ċirkolari, Ewropa lesta għall-Era Diġitali u l-kontribut għal tassazzjoni ġusta u għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa;

(d) ir-rispett tal-kriterji ta' sempliċità, trasparenza u ġustizzja;

(e) l-iżgurar tal-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-fluss tad-dħul;

(f) li ma jwasslux għal piż amministrattiv eċċessiv għall-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali;

(g) preferibbilment jiġġeneraw dħul "ġdid" addizzjonali;

(h) b'mod parallel, għandhom l-għan li jnaqqsu l-burokrazija u l-piż għall-kumpaniji, speċjalment għall-SMEs, u għaċ-ċittadini.

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser janalizzaw, jiddiskutu u jipproċedu mingħajr dewmien żejjed fir-rigward tal-proposti leġiżlattivi msemmija fil-punt 1 f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjoni rapida. Wara li l-Kummissjoni tkun ressqet il-proposti tagħha, membri tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti tal-Kunsill ser jiltaqgħu, matul id-deliberazzjonijiet tagħhom, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni sabiex jinfurmaw lil xulxin dwar is-sitwazzjoni attwali rispettiva. Barra minn hekk, l-Istituzzjonijiet ser jidħlu fi djalogu regolari biex iqisu l-progress fir-rigward tal-pjan direzzjonali.

Parti B. Pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda

L-ewwel pass: 2021

4. Bħala l-ewwel pass, ser tiġi introdotta riżorsa proprja ġdida li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021 magħmula minn sehem ta' dħul minn kontribuzzjonijiet nazzjonali kkalkulat fuq il-piż ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat kif previst fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji . Huwa ppjanat li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ f'Jannar 2021, soġġett għall-approvazzjoni mill-Istati Membri, skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

5. Il-Kummissjoni ser tħaffef il-ħidma tagħha u, wara l-valutazzjonijiet tal-impatt imnedija fl-2020, ser tressaq proposti dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u dwar imposta diġitali kif ukoll proposta ta' akkumpanjament biex jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda fuq dik il-bażi sa Ġunju 2021 bil-ħsieb li jiġu introdotti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023.

6. Il-Kummissjoni ser tirrevedi l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet fir-rebbiegħa tal-2021, inkluż il-possibilità li tiġi estiżal  għall-avjazzjoni u t-trasport marittimu. Sa Ġunju 2021 ser tipproponi riżorsa proprja bbażata fuq l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet.

7. L-Istituzzjonijiet jaqblu li l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri u l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet huma tematikament interkonnessi u li għalhekk ikun iġġustifikat li jiġu diskussi fl-istess spirtu.

It-tieni pass: 2022 u 2023

8. Wara l-proċeduri applikabbli skont it-Trattati u soġġett għall-approvazzjoni mill-Istati Membri skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, dawn ir-riżorsi proprji l-ġodda huma previsti li jiġu introdotti sal-1 ta' Jannar 2023.

9 Il-Kunsill ser jiddelibera dwar dawn ir-riżorsi proprji l-ġodda sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2022 bil-ħsieb li jiġu introdotti sal-1 ta' Jannar 2023.

It-tielet pass: 2024-2026

10 Il-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt, ser tipproponi riżorsi proprji ġodda addizzjonali, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji u kontribuzzjoni finanzjarja marbuta mas-settur korporattiv jew bażi komuni ġdida għat-taxxa korporattiva. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tippreżenta proposta sa Ġunju 2024.

11. Wara l-proċeduri applikabbli skont it-Trattati u soġġett għall-approvazzjoni mill-Istati Membri skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom, dawn ir-riżorsi proprji l-ġodda huma previsti li jiġu introdotti sal-1 ta' Jannar 2026.

12. Il-Kunsill ser jiddelibera dwar dawn ir-riżorsi proprji l-ġodda sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2025 bil-ħsieb li jiġu introdotti sal-1 ta' Jannar 2026.

## NOTA SPJEGATTIVA

### Introduction

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin 2021 sal-2027.

Il-proposta għal Regolament ġdid tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027[2] kienet akkumpanjata minn proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea[3] u tliet proposti relatati[4], kif ukoll proposta għal Ftehim Interistituzzjonali (FII) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[5] u proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri[6].

Bħala parti mir-rispons tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19, u b'reazzjoni għas-sejħa tal-Parlament Ewropew għal fond ta' rkupru, fis-27 ta' Mejju 2020 il-Kummissjoni pproponiet Pjan Ewropew ta' Rkupru (Next Generation EU), inkluża Faċilità ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u emendat il-proposti tal-QFP u tar-Riżorsi Proprji tagħha, l-abbozz tal-FII[7] u diversi proposti oħra relatati mal-QFP[8].

Wara li l-Kunsill Ewropew laħaq ftehim dwar il-Fond ta' Rkupru u l-QFP 2021-2027 fil-21 ta' Lulju 2020, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li fiha, filwaqt li laqa' l-aċċettazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE ta' fond ta' rkupru, il-Parlament iddikjara li ma setax jaċċetta l-ftehim politiku li ntlaħaq fil-forma attwali tiegħu, esprima r-rieda tiegħu li jidħol f'negozjati mal-Kunsill biex itejjeb il-ftehim politiku dwar il-QFP 2021-2027 u ddeskriva l-prijoritajiet tiegħu (mekkaniżmu tal-istat tad-dritt, riżorsi proprji, programmi ewlenin tal-UE, kwistjonijiet orizzontali, Faċilità ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-prinċipju demokratiku, xibka ta' sigurtà għall-benefiċjarji tal-programmi tal-UE jew pjan ta' kontinġenza) bl-għan li jintlaħaq ftehim ġenerali.

Intlaħaq ftehim politiku dwar mekkaniżmu ta' kondizzjonalità tal-istat tad-dritt nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru.

---

[2] COM(2018) 322 final
[3] COM(2018) 325 final
[4] Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti
COM/2018/326 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea, COM/2018/327 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud, COM/2018/328 final
[5] COM(2018) 323 final
[6] COM(2018) 324 final
[7] COM(2020) 444 final
[8]https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/long-term-eu-budget/eu-budget-2021-2027_mt#commission-proposal-may-2020,
https://ec.europa.eu/info/publications/mff-legislation_mt,
https://ec.europa.eu/info/publications/sectoral-legislation_mt

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill daħlu f'negozjati dwar il-QFP, id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji u l-FII fis-27 ta' Awwissu. It-tliet istituzzjonijiet laħqu ftehim politiku fl-10 ta' Novembru 2020.

**Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, b'riżultat tal-ftehim politiku**

Il-Ftehim Interistituzzjonali jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali. Huwa organizzat f'erba' partijiet:

Il-Parti I fiha dispożizzjonijiet relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u mal-istrumenti speċjali tematiċi u mhux tematiċi.

Il-Parti II tirrigwarda l-kooperazzjoni interistituzzjonali f'materji baġitarji.

Il-Parti III fiha dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja tajba ta' fondi tal-Unjoni.

Il-Parti IV fiha dispożizzjonijiet relatati mal-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar il-benefiċjarji bl-għan li jiġi protett il-baġit tal-Unjoni.

Il-FII huwa legalment vinkolanti għall-istituzzjonijiet. Għadd ta' talbiet importanti mill-Parlament ġew aċċettati u inkorporati fil-FII, b'mod partikolari dispożizzjonijiet dwar:

- kooperazzjoni fuq pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda matul il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, bil-ħsieb li tal-inqas jiġi kopert il-ħlas lura ta' fondi użati għan-nefqa taħt il-Fond Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE (NGEU) u l-interessi relatati, kif ukoll prinċipji gwida għall-introduzzjoni ta' tali basket ta' riżorsi proprji ġodda;
- kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet biex jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-awtorità baġitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern taħt l-NGEU u t-trasparenza u l-viżibbiltà sħiħa tal-fondi kollha taħt l-NGEU;
- monitoraġġ tal-infiq fuq l-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;
- strumenti ta' flessibbiltà mtejba biex jirrispondu għal ħtiġijiet mhux previsti;
- kooperazzjoni u djalogu bejn l-istituzzjonijiet biex tiġi faċilitata l-adozzjoni ta' QFP ġdid jew ir-reviżjoni tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 312(5) u l-Artikolu 324 tat-TFUE;
- miżuri standardizzati għall-ġbir, it-tqabbil u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u n-Next Generation EU kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

## ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

Is-Sur Antonio Tajani
President
Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba. (COM(2020)0444 – C9-0155/2020 – 2018/2070(ACI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Baġits ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek.

Bejn is-27 ta' Awwissu u l-10 ta' Novembru 2020, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni u tal-pożizzjonijiet espressi mill-Parlament u mill-Kunsill, it-tim tan-negozjar tal-Kumitat għall-Baġits dwar il-QFP u r-Riżorsi Proprji nnegozja mar-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ftehim interistituzzjonali ġdid fil-qasam baġitarju bħala parti minn pakkett li jkopri l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, ir-Riżorsi Proprji u l-Istrument Ewropew għall-Irkupru - Next Generation EU. Dan il-ftehim interistituzzjonali qiegħed jiġi ppreżentat lilek hawnhekk bil-ħsieb li jiġi approvat mill-Parlament.

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, il-koordinaturi tal-Kumitat BUDG iddeċidew permezz ta' proċedura bil-miktub nhar it-Tnejn, is-16 ta' Novembru li jibagħtu l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Bagits ikkunsidra l-kwistjoni matul is-sessjoni ta' votazzjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2020. Matul dik is-sessjoni ta' votazzjoni[1], iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex japprova l-konklużjoni tal-ftehim interistituzzjonali inkwistjoni u biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Janusz Lewandowski (Viċi President), Olivier Chastel (Viċi President), Niclas Herbst (Viċi President), Margarida Marques (Viċi President/korapporteur għal opinjoni), Jan Olbrycht (korapporteur għal opinjoni), Rasmus Andresen, Robert Biedroń, Anna Bonfrisco, Lefteris Christoforou, David Cormand, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Gheorghe Vlad, Valentino Grant, Elisabetta Gualmini, Francisco Guerreiro, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Monika Hohlmeier, Mislav Kolakušić, Moritz Körner, Zbigniew Kuźmiuk, Hélène Laporte, Pierre Larrouturou, Silvia Modig, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Rainer Wieland, Angelika Winzig.

Dejjem tiegħek,

Johan Van Overtveldt

<u>KOPJA:</u>
Il-membri tat-tim tan-negozjar fuq il-QFP/ir-Riżorsi Proprji:
Jan OLBRYCHT, korapporteur tal-QFP
Margarida MARQUES, korapporteur tal-QFP
José Manuel FERNANDES, korapporteur tar-Riżorsi Proprji
Valérie HAYER, korapporteur tar-Riżorsi Proprji
Rasmus ANDRESEN, Membru

## SUĠĠERIMENTI

A. billi ntlaħaq ftehim politiku globali fl-10 ta' Novembru 2020 bejn ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027, ir-Riżorsi Proprji u l-Istrument Ewropew għall-Irkupru; billi tali ftehim politiku jinkludi ftehim interistituzzjonali mġedded dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (il-"FII")

B. billi l-FII jinkludi għall-ewwel darba dispożizzjonijiet dwar ir-riżorsi proprji, jiġifieri Anness ġdid li jistabbilixxi pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda matul il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 li huma biżżejjed biex ikopru l-interessi u l-ispejjeż tal-ħlas lura tal-l-Istrument Ewropew għall-Irkupru (NGEU), u d-dħul tiegħu li jeċċedi n-nefqa fuq il-ħlas lura għandu jkompli jiffinanzja l-baġit tal-Unjoni bħala dħul ġenerali f'konformità mal-prinċipju tal-universalità;

C. billi l-FII fih parti ġdida dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-Istrument Ewropew għall-Irkupru (NGEU) li għandha l-għan li tiżgura involviment xieraq tal-awtorità baġitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern taħt l-NGEU; billi tali parti tirreferi għal Dikjarazzjoni Konġunta ġdida dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti ġodda bbażati fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE b'implikazzjonijiet li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni;

D. billi l-FII fih titjib sinifikanti fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji għall-intraċċar tal-mira ta' 30 % ta' nfiq għall-klima, għall-iżvilupp ta' mira ġdida ta' nfiq fil-qafas tal-QFP favur il-bijodiversità ta' 7.5 % mill-2024 u 10 % fl-2026 u l-2027, u għall-kejl tan-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluża l-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

E. billi l-FII fih parti ġdida dwar il-kwalità u l-komparabbiltà tad-data dwar il-benefiċjarji

bil-għan li jiġu introdotti miżuri standardizzati għall-ġbir, it-tqabbil u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni u ċifri dwar il-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-Unjoni;

F. billi l-FII huwa mifhum bħala orizzontali fl-applikazzjoni u ma jipprekludix lill-koleġiżlaturi milli jaqblu, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' regolament speċifiku, ma' aktar miżuri biex itejbu l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data, b'mod partikolari fir-rigward ta' programmi ta' ġestjoni diretta, jew biex itejbu aktar l-involviment tal-awtorità baġitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern;

G. billi l-FII jinkludi għall-ewwel darba dispożizzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni u d-djalogu matul in-negozjati tal-QFP, ħalli jiġu konkretizzati r-rekwiżiti tat-Trattat sabiex tittieħed kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' QFP u biex jiġu promossi l-konsultazzjoni u r-rikonċiljazzjoni ta' pożizzjonijiet f'materji ta' baġit;

H. billi l-FII l-ġdid, finalment, jiggarantixxi d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali u aġġustamenti mmirati oħra dwar it-trasparenza tal-ipprogrammar u l-previżjonijiet;

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 14.12.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 3<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Fabio Massimo Castaldo, Leila Chaibi, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Daniel Freund, Esteban González Pons, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Antonio Tajani, László Trócsányi, Mihai Tudose, Guy Verhofstadt, Loránt Vincze, Rainer Wieland |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Angel Dzhambazki, Maite Pagazaurtundúa |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 23 | + |
|---|---|
| GUE/NGL | Leila Chaibi, Helmut Scholz |
| NI | Fabio Massimo Castaldo |
| PPE | Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Antonio Tajani, László Trócsányi, Loránt Vincze, Rainer Wieland |
| RENEW | Pascal Durand, Sandro Gozi, Maite Pagazaurtundúa, Guy Verhofstadt |
| S&D | Gabriele Bischoff, Włodzimierz Cimoszewicz, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Mihai Tudose |
| Verts/ALE | Damian Boeselager, Gwendoline Delbos Corfield, Daniel Freund |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Jacek Saryusz Wolski |
| ID | Gerolf Annemans, Laura Huhtasaari |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ECR | Angel Dzhambazki |
| ID | Antonio Maria Rinaldi |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni